MALTA

# QORTI CIVILI
# (SEZZJONI TAL-FAMILJA)

**ONOR. IMHALLEF**
**ANNA FELICE**

Seduta tal-15 ta' Novembru, 2011

Citazzjoni Numru. 199/2010

**A B C**

**-vs-**

**D C**

Il-Qorti:

Rat ir-rikors guramentat ta’ A B C fejn din, wara li ppremettiet:

Illi l-kontendenti zzewgu fit-12 ta’ Settembru 2008 u minn dan iz-zwieg kellhom tifel, E, li twieled fil-21 ta’ Mejju 2008.

Illi l-hajja matrimonjali ta’ bejn il-partijiet m’ghadhiex aktar possibli u z-zwieg tkisser irrimedjabilment minhabba ragunijiet gravi imputabbli unikament lill-konvenut fosthom

abbandun, adulterju, vjolenza morali, vjolenza fizika, sevizzi, mohqrija, eccessi u vizzji.

Illi l-attrici hija awtorizzata minn din l-Onorabbli Qorti sabiex tipprocedi ghas-separazzjoni.

Ghaldaqstant, l-attrici titlob lil din l-Onorabbli Qorti sabiex:

Tiddikjara u tippronunzja s-separazzjoni personali bejn il-kontendenti minhabba ragunijiet gravi imputabbli unikament lill-konvenut fosthom abbandun, adulterju, vjolenza morali, vjolenza fizika, sevizzi, mohqrija, eccessi u vizzji.

Tafda l-kura u l-kustodja tal-minuri E f'idejn l-attrici.

Tikkundanna lill-konvenut ihallas lill-attrici ghaliha personalment u ghall-imsemmija minuri ir-retta alimentarja li din l-Onorabbli Qorti joghgobha tiffissa taht xi wahda mill-modalitajiet kontemplati fl-artikolu 54 tal-Kap. 16.

Ixxolji l-komunjoni tal-akkwisti ezistenti bejn il-partijiet u tillikwida u taqsam l-istess komunjoni f'zewg porzjonijiet li jigu assenjati wahda lill-attrici u wahda lill-konvenut, b'dan illi jittiehed kont tat-tortijiet kommessi mill-konvenut b'konsegwenza ta' liema z-zwieg tkisser irrimedjabilment kif ukoll jittiehed kont tal-kundanna taht it-tielet talba attrici.

Tiddikjara li l-konvenut iddekada mid-dritt li jabita fid-dar matrimonjali.

Tapplika kontra l-konvenut is-sanzjonijiet kontemplati fl-artikoli 48 u 51 tal-Kodici Civili.

Tordna li l-attrici tirriverti ghall-kunjom "F" u l-minuri juza l-kunjom "C F".

Rat id-dokumenti esebiti.

Rat li, ghalkemm debitament notifikat, D C ghazel li ma jwegibx ghall-kawza.

Rat l-affidavit.

Rat l-atti kollha tal-kawza.

Rat li l-kawza thalliet ghal-lum ghas-sentenza.

Ikkunsidrat illi mill-provi prodotti jirrizulta ampjament illi z-zwieg tal-partijiet tkisser unikament minhabba vjolenza, theddid u sevizzi u ingurji imputabbli unikament lil D C. Kien l-atteggjament u l-imgieba hazina tieghu tul iz-zwieg li jwasslu ghas-sitwazzjoni li spiccat fiha r-relazzjoni ta' bejn il-partijiet, u dan minkejja l-hafna sforzi li ghamlet ir-rikorrenti biex issalva z-zwieg taghha. Jirrizulta illi l-vizzju tal-loghob tal-azzard li ghandu D C huwa inkontrollabbli u, fil-fehma tal-Qorti, l-gherq ta' hafna mill-problemi. Konsegwentement, il-Qorti hi tal-fehma illi l-genitur idoneju biex irabbi t-tifel hija l-omm li qed tinghata minnufih il-kura u kustodja.

**Ghaldaqstant, il-Qorti taqta' u tiddeciedi billi:**

1. Tilqa' l-ewwel talba u tippronunzja s-separazzjoni personali bejn il-kontendenti minhabba tortijiet imputabbli lill-konvenut;

2. Tilqa' t-tieni talba;

3. Tikkundanna lill-intimat jghaddi lir-rikorrenti ghall-minuri s-somma ta' mija u hamsin Ewro (€150) kull erba' gimghat;

4. Ixxolji l-komunjoni tal-akkwisti b'dana illi kull parti thallas id-dejn maghmul minnha u b'dana ukoll li l-intimat ghandu jirritorna lir-rikorrenti l-oggetti elenkati a fol. 33A tal-process odjern; fin-nuqqas huwa ghandu jirrifondi lilha s-somma ta' elfejn hames mija u hamsa u disghin Ewro (€2595);

5. Tilqa' l-hames talba;

6. Tilqa’ s-sitt talba;

7. Tilqa’ s-seba’ talba;

8. Tilqa’ t-tmien talba.

L-ispejjez jithallsu kollha minn D C.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------